MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 31/2007

John Baptist Spiteri

Vs

Vincent Saliba u b'digriet tal-14 ta' Gunju 2007 giet awtoriazzata li tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* is-socjeta Untours Insurance Agency Ltd

Il-Qorti,

**Incident tat-traffiku – Dubju dwar jekk kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi – sewqan f'karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta – Velocita' eccessiva - Htija kontributorja**.

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta' Marzu 2007 li fih l-attur ippremetta li :-

Fil-25 ta' April 2005, waqt illi fi Triq l-Imgarr, Nadur Ghawdex, ghal habta tas-1.39am., l-attur kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Mercedes Benz E220, numru ta' registrazzjoni LWY 212, huwa kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura tat-tip Dodge Truck numru ta' registrazzjoni EBA 217 misjuqa mill-konvenut.

Illi dan l-incident sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut.

F'dan l-incident il-vettura tal-attur sofriet hsara estensiva tant li giet certifikata li hi *beyond economical repair*.

L-attur sofra danni ulterjuri minhabba l-fatt li l-vettura ghandha licenzja partikolari ta' l-Awtorita Dwar it-Transport (ADT), kif jista' jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Il-konvenut minkejja li gie diversi drabi msejjah sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni, baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab lil Qorti sabiex :-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fil-25 ta' April 2005, fi Triq l-Imgarr, Nadur Ghawdex, ghal habta tas-1.39am, bejn il-vettura Mercedes Benz E220, numru ta' registrazzjoni LWY 212 misjuqa mill-attur u l-vettura tat-tip Dodge Truck numru ta' registrazzjoni EBA 217, misjuqa mill-konvenut.

2. Tillikwida jekk hemm bzonn permezz ta' perit, id-danni li sofra l-attur f'dan l-incident.

3. Tikkundana lill-konvenut ihallas id-danni li jigu likwidati.

Rat ir-risposta guramentata li Vincent Saliba ipprezenta fil-11 ta' Gunju 2007 (fol. 10) fejn iddikjara li:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghaliex ghall-incident tat-traffiku ma kienx jahti l-konvenut.

2. Isegwi, riferibilment ghat-tieni talba li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-attur.
3. Jizdied isegwi, riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemm ebda quantum ta' danni li l-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas.

Semghet il-provi.

Rat l-atti nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta incident li sehh fil-25 ta' April 2005 gewwa Triq l-Imgarr, Nadur, Ghawdex ghal habta tas-1.39 a.m. Dakinhar l-attur, li hu xufier tat-taxi, kien qieghed isuq il-vettura Mercedes Benz E220 numru LWY 212 u ighid li kien fi triqtu lejn ix-xatt tal-Mgarr sabiex iwassal klijent biex *"...jilhaq il-vapur tas-saghtejn ta' filghodu."*[1]. Mid-direzzjoni opposta kien gej vann Dodge misjuq mill-konvenut. M'hemmx dubju li dan il-vann kien qieghed jinstaq fil-karreggata hazina (ara skizz a fol. 45), cjoe' dik rizervata ghat-traffiku niezel min-Nadur. Il-vettura qasmet it-triq u spiccat f'ghalqa wara li habtet f'hajt gholi zewg filati.

Skond il-verzjoni moghtija mis-sewwieqa lil warden li nvestiga l-kaz (fol. 6):

**L-attur qal**: *"Jiena kont nizel fit-triq in-Nadur fil-liwja fejn hemm bore hole sibt truck tiela faccata jidher li kien qieghed kontra l-linja. Sibtu go wicci dawl ma tantx juri li kellu u spiccajt li bid-daqqa tafani go l-ghalqa."*.

**Vincent Saliba qal**: *"Jiena kont tiela lejn in-Nadur fil-liwja fejn hemm il bore hole sibt il-vettura No LWY 212 go wicci u hbatna."*.

[1] Il-qorti ghandha dubji kemm dam huwa minnu in kwantu rat skeda tal-Gozo Channel ta' dak iz-zmien u ma jirrizultax li fil-perjodu bejn is-27 ta' Settembru 2004 u 26 ta' Gunju 2005 kien hemm vapur li jitlaq mill-Mgarr fis-2.00 ta' filghodu. Madankollu la l-konvenut u lanqas il-kumpannija assiguratrici ma ddubitaw id-dikjarazzjoni tal-attur.

2. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-kontestazzjoni kienet dwar jekk fir-realta' kienx hemm kuntatt bejn dawn iz-zewg vetturi. Il-kumpannija assiguratrici Untours Insurance Agency Ltd inkarigat lil Mario Buttigieg sabiex jinvestiga l-kaz. Fir-rapport li ghamel (fol. 55) wasal ghal konkluzjoni li:-

a. Fuq il-vann Dodge ma nstab ebda sinjal li kellha xi kuntatt mal-vettur a Mercedes Benz E220 numru ta' registrazzjoni LWY 212; *"Moreover the only mark found on Saliba's vehicle i.e. the truck was a white mark which does not indicate the colour of the spray of the Mercedes. It is more similar to limestone from which stone is made of."* (fol. 72). Hekk ukoll fil-vettura Mercedes ma kien hemm l-ebda sinjal ta' impatt fil-gemb tal-vettura, fuq in-naha tal-passiggier. Skond Mario Buttigieg ma kien hemm l-ebda indizju li t-trukk kien involut f'dan l-incident.

Fir-rigward tal-kuntatt bejn iz-zewg vetturi, l-attur xehed li z-zewg vetturi *"kemm kemm missew lil xulxin."* (fol 97). Min-naha tas-surveyor inkarigat mill-kumpannija intervenuta fil-kawza (Tarcisio Mercieca) xehed li kien spezzjona l-vann misjuq mill-konvenut; *"Il-Qorti qeghda timmarka bic-cirku l-parti tat-trukk EBA 217 fejn kien hemm il-hsara. Nikkonferma li meta jiena mort naghmel dan is-survey kont dort mat-trukk biex nara hemmx xi daqqiet ohrajn fuq dan it-trukk u nikkonferma illi fejn fit-tieni ritratt Dok. TM 2 tidher il-hsara, kien l-uniku post fejn jiena sibt il-hsara."* (fol. 30). Il-hsara qeghda fuq il-bumper in-naha tal-passiggier. Spjega wkoll li kemm l-attur u l-konvenut qalulu li ***"....iz-zewg vetturi kien kemm kemm li messew lil xulxin."*** (fol. 30). Certament li jekk wiehed kellu jaccetta li kien hemm kuntratt bejn iz-zewg vetturi, il-hsara li fil-van mhi xejn ghajr tatina zghira fil-bumper li tikkonferma kemm l-impatt kien minimu.

b. Vincent Saliba ma qalx il-verita meta ddikjara li m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-attur u kien evaziv fil-verzjoni li ta dwar kif sehhet il-kollizzjoni. Mario Buttigieg ma jaghti l-ebda taghrif dwar minn fejn sar jaf b'din l-informazzjoni, u ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Qal li nghata din l-informazzjoni b'mod kunfidenzjali. L-

attur cahad li bintu hi mizzewwga lit-tifel tal-Vincent Saliba[2]. M'hemmx dubju li d-dikjarazzjoni ta' Mario Buttigieg m'hijiex prova.

L-attur isostni li l-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni fis-sens li fl-incident ma kienx sehh kuntatt bejn iz-zewg karrozzi, u jaghti x'jifhem li ghalhekk il-qorti ghandha tiskarta din it-tezi. Il-qorti ma taqbilx, in kwantu:-

a. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi generika, fis-sens li l-konvenut ma jahtix ghall-incident. Inoltre wiehed mix-xhieda ndikati fir-risposta guramentata hu proprju Mario Buttigieg, li ghamel dak li rrefera ghalih bhala *"Accident Scene Forensic Analysis and Applicable Investigative Report."* (fol. 55). Jidher ghalhekk li l-hsieb kien li d-difiza tkun bazata fuq ir-rapport *ex parte* mhejji minn Mario Buttigieg. Wiehed irid japprezza li anke f'dak l-istadju d-difiza tal-konvenut kienet qeghda tirrifletti l-posizzjoni li hadet il-kumpannija assiguratrici, in kwantu hu evidenti li l-konvenut ma habbilx rasu tant li ma wera l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

b. F'kull kaz il-kumpannija assiguratrici li nterveniet fil-kawza, sa mill-bidunett ipproponiet it-tezi li bejn il-vetturi ma kienx hemm kuntatt. Bhala intervenuta fil-kawza, il-kumpannija assiguratrici kellha kull dritt li tressaq 'il quddiem ir-ragunijiet taghha ghalfejn it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda. L-intervenut fil-kawza m'ghandu l-ebda obbligu li jsostni l-argument tal-attur jew tal-konvenut, u anzi ghandu kull dritt li jressaq ir-ragunijiet tieghu.

3. Jibda biex jinghad li l-htija ghal incident tat-traffiku ma jiddependix mill-fatt li jrid isehh impatt bejn zewg vetturi (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Geoffrey Gauci Grech vs Emanuel Zahra** tat-18 ta' Novembru 1992). Hu minnu li jezisti dubju jekk verament sehhx kuntatt bejn iz-zewg vetturi. Madankollu, l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li: *"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."*. L-attur

[2] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-16 ta' April 2009.

xorta jista' jirnexxi f'kawza ghad-danni jekk jaghti prova li l-konvenut kien negligenti u li din kienet il-kawza ghall-incident, irrispettivament jekk sehhx kuntatt bejn iz-zewg vetturi. F'dan il-kuntest tista' wkoll tkun rilevanti sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' New York fl-ismijiet **Pamela Tutrani et vs County of Suffolk** deciza fit-12 ta' Gunju 2008 li wkoll kienet tittratta incident tat-traffiku fejn ma kienx hemm kuntatt bejn il-vetturi; *"On this record, the jury could have rationally found that the officer's conduct was a substantial cause of the collision between plaintiff and Maldonado* ***even though there was no contact between plaintiff's vehicle and the Weidl vehicle*** *(see Derdiarian v Felix Contr. Corp., 51 NY2d 308, 315 [1980]). Officer Weidl abruptly slowed his vehicle to a near stop in a travel lane of a busy highway where vehicles could reasonably expect that traffic would continue unimpeded. Thus, the jury could have rationally found, as it did here, that his conduct " 'set into motion an eminently foreseeable chain of events that resulted in [the] collision' " between the vehicles driven by plaintiff and Maldonado (Sheffer v Critoph, 13 AD3d 1185, 1187 [4th Dept 2004], quoting Murtagh v Beachy, 6 AD3d 786, 788 [3d Dept 2004]). Indeed, in light of the fact that the accident occurred within seconds of Officer Weidl's abrupt deceleration, his "actions were not so 'remote in time' from plaintiff's injury as to{**10 NY3d at 908} preclude recovery as a matter of law" (McMorrow v Trimper, 149 AD2d 971, 972 [3d Dept 1989], affd 74 NY2d 830 [1989]; cf. Gralton v Oliver, 277 App Div 449 [3d Dept 1950], affd 302 NY 864 [1951]). Under these circumstances, it is irrelevant that plaintiff was able to stop her vehicle without striking Officer Weidl's vehicle."*.

4. Is-sewqan tal-konvenut bla dubju holoq periklu prevedibbli li karrozzi gejjin mid-direzzjoni opposta u hergin mil-liwja ser isibu l-vettura ma' wicchom, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li minhabba l-liwja m'hemmx vizwali fit-tul. M'huwiex jigi kontestat li fil-hin tal-incident il-vann kien fil-posizzjoni li jidher fl-iskizz a fol. 7. Fil-fehma tal-qorti f'tali cirkostanzi l-presunzjoni ghandha tkun li l-htija hi tal-konvenut, li min-naha tieghu ma ta l-

ebda raguni ghalfejn kien qighed isuq vettura fil-karreggjata rizervata ghall-vetturi nezlin min-Nadur. M'hemmx dubju li dan hu sewqan bla prudenza li wassal biex hasad lill-attur meta sab il-vann ma' wiccu hekk kif kien ghadu qieghed jimmanuvra l-liwja.

Fis-6 ta' Awwissu 2009 ghal habta tad-8.45 p.m.[3] il-Magistrat sedenti mar fuq il-post fejn sehh l-incident. Fit-triq hemm arblu tad-dawl, kif jidher li kien hemm fiz-zmien li sehh l-incident (ara skizz a fol. 7). L-attur xehed li *"...triq mhix imdawwla kif suppost"* (fol. 15) u fir-rapport tal-warden li nvestiga l-kaz jinghad li *"poor lighting"* (fol. 49). Pero dawl hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kienet niezla l-Mercedes. Fil-post il-magistrat sedenti kkonstata li l-vettura Mercedes kienet f'nizla wieqfa u l-attur kien qieghed jimmanuvra liwja qawwija mumenti qabel sab il-vann quddiemu.

Irrispettivament jekk kienx hemm kuntatt bejn iz-zewg vetturi, il-qorti hi moralment konvinta li l-attur kien qieghed isuq b'velocita iktar milli suppost. Filwaqt li l-posizzjoni fit-triq tal-vann kienet wahda mill-kawzi tal-incident in kwantu wasslet lill-attur sabiex jitlef il-kontroll tal-vetttura tieghu biex jevita l-vann, is-sewqan tal-attur kien kawza wkoll. Il-qorti ma temminx li l-konvenut kien qieghed isuq b'velocita ta' mhux iktar minn 35 mil fis-siegha (fol. 97). Fl-ewwel lok ghal din it-tip ta' liwja, velocita' ta' 35 mil fis-siegha hi diga' gholja. Sahansitra, jista' jkollok sitwazzjoni fejn ghalkemm sewwieq ikun konformi ghar-regoli tas-sewqan ghal dak li jikkoncerna velocita, pero certu velocita tista' tinnewtralizza dik il-margni ta' sigurta li tant hi importanti u necessarja f'kaz li tinqala' emergenza. Fi kwalunkwe kaz jekk verament l-attur kien qieghed isuq b'dik il-velocita, fuq bazi ta' probabilita' il-vettura tal-attur ma kenitx ser tispicca n-naha l-ohra tat-triq, taqleb cint tal-gebel u tispicca f'ghalqa. Dan iktar u iktar meta tqies li:-

i) l-attur jahdem bhala xufier tat-taxi u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li m'ghandux esperjenza fis-sewqan;

[3] Kien diga' dalam.

ii) l-attur stess qal li z-zewg vetturi kemm kemm missew ma’ xulxin;
iii) l-art kienet xotta. Ghalkemm l-attur ilmenta li t-triq ma kenitx imdawwla sew, dan kien jinkombi iktar attenzjoni fis-sewqan.

Li kieku l-Mercedes kienet ghaddejja bil-velocita li semma l-attur, il-probabilita’ hi li l-impatt mal-hajt kien jigi evitat jew ghallinqas ma jsehhx b’tant vjolenza ghaliex ix-xufier kien ikun jista’ jirreagixxi hekk kif ra l-vann. L-impatt mal-hajt tant kien b’sahhtu li kif jidher fir-ritratti li ttiehdu minn Mario Buttigieg (fol. 79), parti minnu ggarraf ghal kollox. Il-Mercedes kienet f’nizla wieqfa u l-attur kien qieghed jimmanuvra liwja qawwija. Sewqan prudenti jitlob li f’dik il-parti tat-triq sieq il-leminija tkun mal-pedala tal-brejk. Rilevanti wkoll li fil-post ma nstabux marki ta’ brejk. Il-qorti hi tal-fehma li kontroll shih tal-vettura min-naha tal-attur ma kienx iwassal sabiex isehh impatt daqstant vjolenti mac-cint, u l-vettura Mercedes lanqas kienet tispicca daqstant il gewwa fl-ghalqa (ara skizz a fol. 45). Il-qorti lanqas tista’ taccetta l-verzjoni moghtija mill-attur a *tempo vergine* lill-warden li *“....bid-daqqa* ***tafani*** *go l-ghalqa.”* (fol. 7[4]). Kliem li jatik x’tifhem li l-habta ma kenitx ta’ zewg vetturi li *“...kemm kemm missew lil xulxin.”* (kliem l-attur waqt kontro-ezami - fol 97). Sahansitra fl-affidavit l-attur qal li *“it-trakk jidher li kif rani ghafas il-brake u waqaf ezatt fuq il-lane tieghi minn fejn kien gej.”* (fol. 15). Verzjoni li hi differenti minn dik li nghatat lil warden.

Kif jipprovdi l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili:-

*“Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b’nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara****, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta’ l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi,* ***fid-diskrezzjoni taghha****, f’ liema proporzjon din tkun* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet****, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f’dik il-proporzjoni.”*.

[4] Verzjoni li nkitbet bi qbil mal-attur tant li ffirma hdejha (ara fol. 47).

Fil-kawza **Froom vs Butcher**, Lord Denning spjega:-

*“Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man’s carelessness in breach of duty of others.* ***Contributory negligence is a man’s carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.”***[5].

Mill-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili wiehed jista’ jasal biex ighid li ghal fini ta’ kontributorjeta hu rilevanti wkoll x’kienet il-kawza tad-danni. Taht il-ligi Ingliza bid-dhul fis-sehh ta’ The Law Reform (Contributory Negligence) Act 1945, *“....****what is essential is that the claimant’s conduct contributes to his damage****. Thus there may be a reduction where a motor cyclist fails to wear a crash helmet, where a passenger in a car does not wear his seat belt, or where a man rides in a dangerous position on the outside of a dust cart, or rides with a driver who he knows to have taken substantial quantities of alcohol.”*[6]. Bla dubju s-sewqan tal-attur ikkontribwixxa ghall-hsara tal-incident. F’dan il-kuntest hi nteressanti wkoll il-kawza **Richard Fenech vs Rook Construction Limited** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[7] fit-3 ta’ Ottubru 2003, fejn vettura habtet go cint biswit sit ta’ kostruzzjoni u waqghet gholi ta’ zewg sulari. Il-qorti kkonkludiet li r-reponsabbilta’ kellha tinqasam bejn ix-xufier tal-vettura (htija kontributorja) minhabba sewqan b’velocita eccessiva li wassal sabiex l-attur ma jkollux kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq, u l-konvenuti *in solidum* fosthom id-Direttur Generali tax-Xogholijiet) ghaliex naqas milli jissorvelja l-fatt li ma kienx hemm ripar adegwat ghall-utenti tat-toroq[8]. Il-qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza

[5] *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths, 1993) pagna 66.
[6] Winfield & Jolowicz on Tort, W.V.H. Rogers (17 Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 2006) pagna 324.
[7] Imhallef P. Sciberras.
[8] Ara wkoll sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Paul Mamo nomine vs John Muscat** Doublesin deciza fid-9 ta’ April 1963 (Volum XLVII.ii.732) fejn il-qorti

**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII.i.59) fejn inghad: *"vouldiri, huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha* ***hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab*** *sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'dana kollu, s'intendi, tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' dannu, fis-sens illi 'it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally'."*.

Il-qorti hi moralment konvinta li l-attur ikkontribwixxa ghall-incident u l-hsara li sofra. Is-sewqan tal-attur kien tali li meta rinfaccjat b'emergenza ma kienx kapaci jiehu azzjoni evaziva ghaliex ma kellux kontroll shih tal-vettura tieghu. Il-qorti tikkonkludi li z-zewg partijiet ghandhom htija fi proporzjon ta' 50% kull wiehed.

5. Ghal dawk li huma danni, jirrizulta li dik is-sena stess l-attur kien xtara vettura ohra Mercedes tat-tip E220 CDI[9]. Il-vettura tal-attur kien ghad ghandha biss 4,080 mil (fol. 32) u s-sena ta' manifattura kienet 2004. Ghalhekk kienet ghadha relattivament gdida. Bhala danni l-konvenut qieghed jitlob ukoll:-

Spejjez ta' crane..................................................................Lm59 (fol. 19)
RMF tow trukk..................................................................Lm45 (fol. 20)

---

kkunsidrat ukoll l-entita' tal-hsara minhabba velocita eccessiva tal-attur, u qieset li din taghti lok ghall-htija kontributorja. F'dik il-kawza l-kuntatt bejn iz-zewg vetturi kien minimu, izda l-vettura tal-attur inqalbet kagun ta' velocita eccessiva.

[9] Ara ittra datata 27 ta' Mejju 2005 a fol. 126 mibghuta lill-Awtorita ta' Trasport mill-avukat ta' fiducja tal-attur u dokument a fol. 127 minn fejn jirrizulta li d-data ta' registrazzjoni tat-tieni vettura hi 2 ta' Gunju 2005.

Telf ta' qliegh peress li ma kellux vettura..........................Lm194 (ara affidavit tal-attur)
Vjagg fuq Gozo Channel.....................................................Lm18 (fol. 21)
Kera ta' garaxx fejn qeghda tinzamm l-ewwel vettura....... Lm300 fis-sena (fol. 95). Il-qorti fehmet li sal-lum il-vettura ghadha ssiggillata f'dan il-garaxx skond l-istruzzjonijiet moghti Mil-Awtorita dwar it-Trasport. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq erbgha (4) snin.

Fiz-zmien li sehh l-incident vettura bhal tal-attur kienet tiswa Lm30,400 [€70,812] (fol. 107)[10]. Pero' dan hu l-prezz *"....**ghal private sale. Jekk tkun ser tixtri l-vettura biex tintuza bhala taxi, il-prezz ikun inqas. Nikkonferma illi fir-rigward tat-taxis trid thallas twenty percent (20%) registration tax**, mentri fil-kaz tal-karrozzi privati trid thallas seventy five percent (75%) registration tax fiz-zmien li dwaru jittratta d-dokument SC1."*. Jidher ghalhekk li l-prezz ta' xiri tat-taxi kien ta' €48,555[11], ghalkemm l-attur seta' facilment iressaq prova ahjar u cjoe' l-kuntratt ta' xiri kemm tal-ewwel u t-tieni vettura. Mix-xhieda li nghatat mir-rapprezentant tal-Auto Sales Limited, ma jirrizultax li kien hemm awment fil-prezz meta l-attur xtara vettura identika ghal dik involuta fl-incident tal-25 ta' April 2005. Ghal dak li hu valur tal-vettura qabel l-incident, is-surveyor Philip Attard[12] semma c-cifra ta' cirka **€41,928**[13] u li spejjez ghat-tiswija kienu ta' cirka €20,964 (fol. 34-35), cifri li ma gewx kontestati mill-attur. F'kull kaz il-qorti tqies li hu valur gust meqjus ukoll id-deprezzament fil-valur tal-vettura. Qal ukoll li l-vettura kienet *beyond economical repair*. Ghal dak li hu valur tal-fdal tal-vettura (wreck value) ma tressqu l-ebda provi. F'ittra datata 25 ta' Mejju 2005 (fol. 125) l-Awtorita tat-Trasport kien informa lill-attur li l-vettura LWY 212 kellha tkun *"privately bonded"* sakemm tinqata' l-kwistjoni mal-kumpannija assiguratrici; *"when litigation is settled, damaged motor vehicle can be sold, garaged/transferred to private use after the*

[10] Ara wkoll xhieda ta' Stephen Camilleri.
[11] Ekwivalenti ghal Lm20,845. Prezz ta' xiri tal-vettura minghajr taxxa (mhux ghall-uzu bhala taxi) kien, skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti, ta' Lm17,371.
[12] Inkarigat minn Untours Insurance Agents Ltd.
[13] Spezzjona l-vettura fit-2 ta' Mejju 2005 (ara rapport a fol. 41).

*appropriate registration tax is paid. Alternatively it can be also sold to replace another taxi and no registration tax is paid.”*. Fuq bazi ta’ probabilita’ l-qorti temmen li l-iktar li jista’ jsir hu li l-vettura tinbiegh ghal scrap. Fic-cirkostanzi l-qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta’ erbat elef ewro (€4,000).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tiddikjara li:**

**1. Ghall incident li sehh fil-25 ta’ April 2005 fi Triq l-Imgarr, Nadur, Ghawdex il-konvenut ghandu hamsin fil-mija (50%) tal-htija, filwaqt li l-attur hu responsabbli fl-istess proporzjon ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq.**
**2. Tillikwida d-danni li huma dovuti mill-konvenut lill-attur, fl-ammont ta’ tmintax-il elf sebgha mija u disgha u ghoxrin ewro (€18,729).**
**3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tmintax-il elf sebgha mija u disgha u ghoxrin ewro (€18,729).**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut. Il-kumpannija assiguratrici trid taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. L-imghax jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------